**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 2 – IT-TNEJN, 22 TA' APRIL 2013 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Minority Leader, is-Sinjura Rita Saliba ppreżentat ittra ffirmata mill-kunsilliera f'isem il-Partit Laburista. F'din l-ittra qed isostnu li kopja tal-accounts u tal-budget waslu għandhom nhar il-Ġimgħa fl-4.10pm u għalhekk ma kellhomx biżżejjed żmien biex jikkunsidrawhom. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hu rċieva dawn id-dokumenti ftit qabel u wera kopji tal-emails bħala evidenza. Is-Sindku rrimarka li minkejja id-dikjarazzjoni li dawn il-kunsilliera ma kellhomx ċans jarawhom, xorta jidhru li ġew analizzati minħabba l-kjarifikazzjonijiet li ġew mitluba f'din l-ittra. Hu spejga li l-accounts huma audited u jridu jiġu approvati sal-aħħar tax-xahar, u l-budget qed jiġi mressaq biex isir analiżi u jiġi diskuss fuq il-mejda.

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 1

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Pagamenti Numru 1

2.1 Pagament numru 21 għandu jiġi mwaqqaf sakemm jiġi vverifikat.

2.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Approvazzjoni Accounts 2012

3.1 Kien hemm diskussjoni rigward l-accounts għas-sena finanzjarja 2012 fejn kien hemm preżenti l-Accountant tal-Kunsill. Ġie nnutat surplus għal din is-sena finanzjarja.

3.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati dawn l-Accounts. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 8 favur u 1 astensjoni.

## 4 Budget 2013

4.1 Ġie ppreżentat il-budget għas-sena 2013. Kien hemm diskussjoni kif ukoll ġew indirizzati numru ta' mistoqsijiet li kien hemm fl-ittra li kienet ippreżentata fil-bidu tal-laqgħa. Kien hemm qbil li dan il-budget jiġi approvat fil-laqgħa li jmiss.

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.1 Ġie innutat seminar “Faith in an Age of Unbelief” li ser isir fit-8 ta' Mejju 2013. Il-Kunsillieri ġew mistiedna jattendu.

5.2 Ġiet diskussa lista ta' xogħlijiet u ilmenti biex tintbagħat lill-Ministru Joe Mizzi.

5.3 Ġew ikkunsidrata 3 stimi biex jinbidel l-air conditioner fil-kamra tal-amministrazzjoni. Ġie deċiż li jitgħażel l-irħas offerta tal-kumpanija KNK.

5.4 Ġiet diskussa l-proposta tas-Sur Saviour Zammit biex il-Kunsill jibda juża l-Permits Management System bi spiża ta’ 495 Ewro + VAT kull 3 xhur. Kien hemm qbil li din ma tiġix aċċettata.

## 6 Korrispondenza

6.1 Ġiet innutata l-ittra tar-riżenja tas-Sinjorina Emily Visanich. Il-Kunsill xtaq jirringrazzja lis-Sinjorina Visanich tal-ħidma tagħha, u jawguralha suċċessi. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li ma tiġix ingaġġata impjegata oħra. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 8 favur u 1 kontra.

6.2 Saret talba mill-Għaqda Mużikali Madonna ta’ Lourdes biex it-tliet parkeġġi quddiem il-każin isiru un/loading u reserved. Din it-talba ma ġietx milqugħha, imma għandha ssir talba lill-TM biex l-isplay li hemm isir pick up / drop off point.

6.3 Saret talba mill-ispiżerija tal-Kappara biex jagħmlu directional signs. Kien hemm qbil li tiġi applikata l-bye law u jiġu aċċettati.

6.4 Ġiet innutata l-ittra tar-riżenja tal-Contracts Manager, is-Sur Emmanuel Farrugia. Il-Kunsill xtaq jirringrazzja lis-Sur Farrugia għall-ħidma tiegħu u jawgurawlu suċċessi.

6.5 Ġiet innutata ir-refusal għat-talba tal-Kunsill biex isir reserved parking għat-trakk tal-gass is-Sibtijiet u l-festi.

6.6 Ġiet innutata talba biex hawker tal-ħaxix ikollu approvazzjoni fixed point fi Triq is-Santwarju quddiem il-garage tiegħu. Fid-dawl tar-refusal tat-TM fuq it-talba biex jingħata permess lil tal-gass, il-Kunsill ma qabilix ma’ din it-talba.

6.7 Ġiet innutata talba mill hanut ġdid "Dfood doctor" għal un/loading fi Sqaq Tomna. Wara diskussjoni, ġie konkluż li huwa impossibli li kull ħanut f'San Ġwann ikollu un/loading quddiemu. Għalhekk din it-talba ma ġietx aċċettata.

6.8 Kien hemm diskussjoni rigward l-proposta mit-TCTC biex isiru korsijiet tal-komputers iKids bi spiża ta' 1100 Ewro. Fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-budget kien hemm qbil unanimu li din it-talba ma tiġix aċċettata din is-sena.

6.9 Ġiet diskussa talba mill-Għaqda Mużikali Madonna ta' Lourdes biex issir attività konġunta mal-Kunsill fis-27 ta Lulju 2013 meta jiġi inawgurat il-każin tal-Għaqda. Għandha tittieħed deċiżjoni f'laqgħa oħra.

6.10 Ġie nnutat l-premju appoġġ lill-intrapriżi. Kien hemm qbil li m'għandniex napplikaw.

6.11 Ġiet innutata korrispondenza mill-Ministru Coleiro Preca rigward talba ta' persuna li allegat li għamlet xi ħsara fil-karozza tagħha. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ma jbiddilx id-deċiżjoni.

6.12 Ġiet innuata li l-kuntratt tal-Perit skada. Ġie deċiż li jerġa' jinħareġ. Kien hemm qbil ukoll li ma tinħariġx offerta għal servizzi ta' avukat minħabba li l-Kunsill ftit għamel użu minn dan is-servizz. Għandu jintuża s-servizz ta' one off meta jiġi l-bżonn.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Peress li ma ġietx eżawrita l-agenda, kien hemm qbil unanimu li l-laqgha titkompla nhar l-Erbgħa, 24 ta' April 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |